32000D0646(01)

L 272/26 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 25.10.2000

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-17 ta' Ottubru 2000
dwar il-konklużjoni ta' l-emenda għall-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu

(2000/646/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-Komunità, minħabba r-responsabbiltajiet tagħhom għall-ambjent, permezz tad-Deċiżjoni 88/540/KEE [2] saret parti tal-Konvenzjoni ta' Vjenna għall-Ħarsien tas-Saff ta' Ożonu u l-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu, u permezz tad-Deċiżjoni 91/690/KEE [3] approvat l-ewwel emenda ta' l-imsemmi Protokoll u permezz tad-Deċiżjoni 94/68/KE [4] approvat it-tieni emenda ta' l-imsemmi Protokoll.

(2) Provi riċenti jindikaw li sabiex ikun hemm ħarsien adegwat tas-saff ta' ożonju jinħtieġ grad ta' kontroll fuq il-kummerċ ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu ogħla minn dak stipulat mill-Protokoll ta' Montreal kif emendat fl-1992. L-istess provi jindikaw li għandu jkun hemm sorveljanza u kontroll ta' kummerċ addizzjonali f'sustanzi kontrollati li jnaqqsu l-ożonu u b'mod partikolari dwar metil bromid.

(3) F'Settembru ta' l-1997 f'Montreal kienet adottata t-tielet emenda li tintroduċi dawn il-kontrolli. Il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità, ħadet sehem fin-negozjati u fil-ftehim dwar din l-emenda.

(4) Il-Komunità adottat miżuri fil-qasam kopert mill-emenda u għandha għalhekk tassumi impenji internazzjonali f'dan il-qasam.

(5) Jeħtieġ li l-Komunità tapprova t-tielet emenda tal-Protokoll ta' Montreal minħabba li d-disposizzjonijiet tiegħu għandhom x'jaqsmu ma' kummerċ f'sustanzi kontrollati bejn il-Komunità u Partijiet oħrajn, li l-implimentazzjoni tagħhom hija r-responsabbilità tal-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

It-tielet emenda għall-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff ta' ożonu qed tkun approvata f'isem il-Komunità.

It-test ta' din l-emenda huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qed ikun awtorizzat biex jinnomina lill-persuna jew persuni li għandhom is-setgħa biex jiddepożitaw l-istrument ta' approvazzjoni ta' din it-tielet emenda f'isem il-Komunità mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti skond l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna, li għandu jinqara flimkien ma' l-Artikolu 3 tat-tielet emenda għall-Protokoll ta' Montreal.

Artikolu 3

Din id- Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-17 ta' Ottubru 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

L. FABIUS

---

[1] ĠU C 21 E, tal-25.1.2000, pġ. 9.
[2] ĠU L 297, tal-31.10.1988, pġ. 8.
[3] ĠU L 277, tal-31.12.1991, pġ. 28.
[4] ĠU L 33, tas-7.2.1994, pġ. 1.